Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Novembru 2018

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-lingwaġġ tal-imħabba u tad-djalogu jirbaħ dejjem fuq il-lingwaġġ tal-konflitt.**

## Ninġabar:

Insib post għall-kwiet u pożizzjoni komda. Niftakar f'wieħed mill-akbar attivisti għall-paċi, Martin Luther King, u nirrifletti fuq il-kliem tiegħu: "Jien iddeċidejt li nagħżel l-imħabba. Il-mibegħda ttaqqalni b'piż wisq kbir biex niflaħ għalih."




## Fatt ċkejken:

Kien id-disa' ta' Frar, 2007, meta Chris Williams kien qed isuq il-karozza wara serata sabiħa mal-familja tiegħu. Fil-karozza kien hemm tnejn minn uliedu s-subien, it-tifla tiegħu u l-mara li kienet qed tistenna tarbija. F'daqqa waħda Chris jilmaħ karozza ġejja mid-direzzjoni opposta b'veloċità qawwija. Hu pprova jimmanuvra l-karozza biex ma jaħbtux iżda ma rnexxilux. L-impatt kien kbir ħafna u meta rnexxielu jħares lura, induna li tnejn mit-tfal kienu tilfu ħajjithom. Ra wkoll lill-mara tiegħu tieħu l-aħħar nifs tagħha. Qatt ma ħassu daqshekk vulnerabbli f'ħajtu u xxukkjat; kemm spiritwalment, emozzjonalment u fiżikament. Wara Chris sar jaf li l-karozza kien qed isuqha żagħżugħ xurban ta' sbatax-il sena, Cameron. Fix-xhur ta' wara l-inċident Chris ħass dwejjaq kbar, ħassu rrabjat u waħdu.


Ritratt ta' Chris ma' Cameron

F'dawn il-mumenti jirrakonta kif tkellem ma' Alla u ddeċieda li ma jippruvax jivvendika ruħu mis-sewwieq li kkawża dan kollu. Chris jirrakkonta kif ħass il-bżonn li jħalli din ir-rabja warajh. Xhur wara, Chris u Cameron iltaqgħu. Chris qal lil Cameron biex ma' jibqax imwaħħal ma' dak li għamel, biex jimxi 'l quddiem b'ħajtu. Cameron ħassu grat ħafna li Chris kien ħafirlu. Il-familja ta' Cameron ukoll ħassewhom meħlusa bil-maħfra ta' Chris.

## Naħseb ftit:

Kieku jien x'kont nagħmel kieku kont minflok Chris? Hemm xi ħadd li nħossni rrabjat għalih imma li nixtieq naħfirlu? Qatt kien hemm xi ħadd li vera ħafirli għan-nuqqasijiet tiegħi? Kif ħassejtni?

## Nitlob:

O Alla, bħalma ibnek Ġesù ħafer lil dawk li sallbuh, għinni biex nagħmel sforz biex naħfer lil dawk li weġġgħuni b'xi mod jew ieħor. O Alla għin lil dawk in-nies li huma mimlijin vendetta u mibegħda biex jifhmu li jekk jaħfru biss jistgħu jsibu l-paċi.

## Kliem ta' dawl:

Id-dlam ma jistax ineħħi d-dlam, id-dawl biss jista'. Il-mibegħda ma tistax tneħħi l-mibegħda, l-imħabba biss tista'. *Martin Luther King, Jr.*

## X'nista' nagħmel:

Nipprova nagħmel sforz biex inkun ġentili ma' dawk in-nies li b'xi mod weġġgħuni. Nitlob l-għajnuna ta' Alla biex nipprova naħfer l-azzjonijiet ta' dawn il-persuni.